# L-Innu tal-Banda ‘Sant’ Andrija’ (It-Tieni Parti)
## Anniversarju doppju



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra konna tkellimna fit-tul fuq iċ-ċirkustanzi li fihom twieled l-Innu tal-Banda ‘Sant’ Andrija’ u fl-istess ħin sirna nafu wkoll ħafn’ aktar mill-qrib lil Mro. Antonio Miruzzi bħala l-awtur ta’ dal-innu fl-okkażjoni tal-150 sena minn twelidu. Izda, bi pjaċir inħabbar li, ir-riċerka tiegħi fuq dal-Innu għadha għaddejja tant li, minn arkivju li qed naħdem fuqu bħalissa, irnexxili nsib aktar tagħrif li żgur ser jinteressa lill-qarrejja, b’mod partikolari lill-anzjani tas-Soċjetà li jiftakru l-jum tal-inawgurazzjoni tal-planċier il-ġdid li saret fl-20 ta’ Settembru 1959. L-artiklu tiegħi semmejtu ‘Anniversarju doppju’ għall-fatt li, kif ser naraw, l-inawgurazzjoni tal-planċier kienet tikkoinċidi mal-ġublew tal-fidda ta’ Mro. Anton Muscat Azzopardi bħala surmast-direttur tal-Banda.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Mro Anton Muscat Azzopardi, Dun Frans Camilleri, Dun Ġużepp Cachia, Ħamrun Choir, Mro. Robert Samut, Carmelo Caruana, Innu Malti, Innu tal-Banda ‘Sant’ Andrija’, University of Malta ‘Ġ.F. Abela’ Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun).



Frontispizju tal-partitura tal-Innu

Kollox beda meta, waqt li kont qed inqalleb f’dal-arkivju bil-għan li xi darba jkun organizzat kif suppost sibt dil-partitura. F’dik ta’ quddiem wieħed jista’ jara li hemm imniżżel *Innu tal-Banda ‘Sant’ Andrija’* tas-surmast Antonio Miruzzi. Il-kurżità għelbitni minnufih peress li jien sirt midħla tal-Innu tal-Banda għax kont diġà ħdimt fuqu s-sena li għaddiet. U xħin niftaħ iż-żewġ paġni ta’ ġewwa, wiċċi xegħel meta sibt quddiemi l-melodija tiegħu miktuba pulit kemm jista’ jkun bil-linka u taħtha l-versi bil-Malti miktubin bil-lapis – liema versi jien ma kontx rajt bħalhom qabel. Fil-fehma soda tiegħi dawn il-versi huma pinna ta’ Dun Frans Camilleri, u ser nispjega għaliex. Iżda qabelxejn, jinħtiġilna mmorru lura fiż-żmien, sewwasew f’dik il-ġurnata tal-20 ta’ Settembru 1959 biex din il-ġrajja tkun tista’ tittieħed fil-perspettiva tagħha.

**Planċier ġdid**: Skont tagħrif mogħti minn Jesmond Grech fil-ktieb tiegħu li kien ħareġ f’għeluq il-125 sena mit-twaqqif tal-Banda, insibu li l-idea li jsir planċier ġdid kien ilha tberhen f’moħħ id-diriġenti tas-Soċjetà. Tant hu hekk, li dil-proposta kienet intlaqgħet b’mod unanimu fl-1953 u li għaliha nħatret kummissjoni apposta, fosthom Carmelo Caruana li ppjanta id-disinn tal-planċier. Ix-xogħol kien maħsub li kellu jieħu ħames snin biex jitlesta. Meta ġew biex jinawgurawh għażlu d-data tal-20 ta’ Settembru 1959 biex fl-istess jum


Il-planċier il-ġdid li żżanżan fl-20 ta’ Settembru, 1959

jiġi ċċelebrat ukoll il-ġublew tal-fidda ta' Mro. Anton Muscat Azzopardi[1] bħala surmast-direttur tal-Banda 'Sant' Andrija'. Il-festi għal dal-anniversarju doppju kienu mifruxin fuq jumejn, imma l-qofol tagħhom intlaħaq il-Ħadd filgħaxija bl-inawgurazzjoni u t-tberik tal-planċier, u eżatt wara, programm vokali u strumentali mħejji apposta bil-parteċipazzjoni sintendi tal-Banda 'Sant' Andrija' taħt id-direzzjoni ta' Mro. Muscat Azzopardi, u bis-sehem tal-Ħamrun Choir taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia. Dal-avveniment storiku fl-annali tal-istorja tal-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' kien tniżżel ukoll fid-djarju tal-kor tal-Ħamrun taħt id-data msemmija fejn il-kronista kiteb hekk taħt it-titlu, 'Planċier Ġdid – Luqa': *Sabiex nagħlqu l-programm tas-sajf kantajna f'Ħal Luqa mal-Banda 'La Stella' (Sant' Andrija) għall-okkażjoni ta' Planċier Ġdid.*


Mro. A. Muscat Azzopardi

Imbagħad il-kronista jgħaddi biex jikkummenta fuq il-fatt li l-kor kellu jittrassas kemm jista' biex qagħad fuq dal-planċier artistiku.[2] Meta niġu għall-programm innifsu mbagħad, dan bilfors li kellu jitfassal bi sħab bejn is-surmast tal-banda u dak tal-kor, għax kif ser naraw, fih indaqqew xogħlijiet fejn dan tal-aħħar kien diġà għadda wħud minnhom f'programmi oħra qabel. Kemm il-kronista tad-djarju tal-kor tal-Ħamrun, kif ukoll il-ktieb ta' Jesmond Grech jagħtuna lista ta' xi ndaqq fil-programm dakinhar. Kif kien xieraq, dan fetaħ bid-daqq tal-*Inno Pontificio*[3] minħabba li kien hemm preżenti il-Monsijur Arċisqof ta' Malta, Emmanuele Galea. Il-Banda mbagħad marret mill-ewwel biex iddoqq l-*Overture* '1812', biċċa mużka tassew impenjattiva ta' Pyotr Ilyich Tchaikovsky[4]. Dax-xogħol kien segwit mill-Kantata[5] 'Sant' Andrija'[6] ta' Mro. Paolo Vella. Wara ndaqqet il-*Fantasia* 'Boris Godunoff' tal-kompożitur Russu, Modest Mussorgsky[7] u l-parafrażi, *Presso il fiume stranier*[8] tal-kompożitur Romantiku Franċiż, Charles Gounod[9]. Il-programm imbagħad mar biex jagħlaq bis-soltu innijiet: l-*Innu tal-Banda*[10], l-Innu Malti, u l-*God Save the Queen*, peress li konna għadna kolonja tal-Imperu Brittaniku. Skont id-djarista tal-kor ukoll, dan il-programm kien ġie rrekordjat. Iżda, li ma jsemmix Jesmond Grech fil-kitba tiegħu huwa, li eżatt wara l-Innu tal-Banda ndaqq l-Innu (iż-żgħir) 'Sant' Andrija' li mhu ta' ħadd aktar ħlief ta' Mro. Antonio Miruzzi. Hu proprju dal-punt l-aktar kruċjali f'dil-istorja kollha, għax li kieku d-djarista ma niżżilx dal-innu fil-lista tiegħu qatt ma stajna nkunu nafu l-għala kienet inħasset il-ħtieġa li jintisġu l-versi tiegħu bil-Malti għal dil-okkażjoni daqstant kbira. Wisq probabbli li meta ġew biex ifasslu il-programm sabu li l-Innu ta' Miruzzi kien jindaqq dejjem mingħajr kant, jonkella li l-kliem


Il-president tal-Qorti, Sir Luigi Camilleri, jinawgura l-planċier fil-preżenza tad-disinjatur u l-president tas-Soċjetà

---

[1] L-istess surmast kien kiteb ukoll l-Innu popolari 'San Gejtanu' (1947) fuq versi tal-istess Dun Frans Camilleri. Ma' dal-innu hemm anedottu ħelu marbut miegħu. Skont kif jirrakkonta Mro. Michael Angelo Chircop, is-surmast Anton Muscat Azzopardi kien qed jidderieġi l-banda tiegħu fil-festa ta' San Gejtanu u f'xi ħin niżel għal ftit mistrieħ minn fuq il-planċier. F'dak il-ħin mar ġuvnott fuqu u, filwaqt li tah biċċa karta f'idu, qallu dal-preċiżi kelmiet: "Ktibt poeżija żgħira lil San Gejtanu mingħajr il-mużika." Is-Surmast, ta' bniedem ġentlom li kien, tah kelma li kien ser jimmużikalu dil-poeżija. Dak il-ġuvnott ma kien ħadd ħlief Dun Frans stess. Minn dakinhar 'il quddiem bejniethom nibtet ħbiberija dejjiema.

[2] Dal-kumment irid jittieħed fil-kuntest tiegħu peress li, fiż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu, il-kor kellu mal-mitt korist.

[3] Skont id-djarista tal-kor, dal-innu ndaqq fl-aħħar qabel l-Innu Malti u l-*God Save the Queen*.

[4] Wieħed jinnota li, ħlief għal dil-waħda, il-kor kanta fil-bċejjeċ kollha.

[5] Din tista' tkun kelma oħra għal 'Innu *di Gloria*', jew 'Innu Kbir', jonkella 'Innu Solenni'. Insejħulu wkoll 'Kantata' għall-fatt li xogħol simili ġeneralment iħaddan tema reliġjuża u jinkiteb biex jitkanta minn vuċijiet solisti għall-akkumpanjament ta' orkestra jew banda.

[6] L-isem sħiħ ta' dax-xogħol huwa, 'Kantata lill-Appostlu Sant' Andrija'. Il-kronista tad-djarju jniżżel biss 'Innu lil Sant' Andrija' bla ma jsemmi l-kompożitur li kitbu.

[7] Bi żvista, Grech iniżżel 'T' minflok 'M' għal ismu. Kunjomu wkoll, imniżżel ħażin.

[8] Rigward dil-biċċa mużika, il-kor ġa kellu fir-repertorju tiegħu.

[9] Bi żvista, Grech iniżżel 'G' minflok 'C' għal ismu.

[10] Id-djarista iniżżlu bħala 'Innu lill-Banda'. Kemm hu kif ukoll Grech, ma jgħidux dal-innu ta' min hu. Aktarx ukoll li t-tnejn qegħdin jirreferu għall-Innu-marċ tal-Banda.

tiegħu - fi żmien Miruzzi aktar bit-Taljan milli bil-Malti – xi darba kienu jeżistu imma ntilfu wara li l-Każin kien iġġarraf bil-bombi tal-għadu fi żmien l-aħħar Gwerra.

**Il-versi bil-Malti tal-Innu (attribwiti lil Dun Frans Camilleri)**: Qabelxejn nixtieq ngħid, li l-Innu għandu aktar forma ta' prigjiera, u li fl-ebda ħin ma jsemmi l-banda li għaliha ntiseġ, anki jekk huwa l-Patrun tas-Soċjetà li ġġib l-istess ismu. Tant hu hekk, li fit-tieni strofa hemm referenza ċara għall-Qaddis li mexa ma' Kristu biex sar sajjied Tiegħu. Hawn taħt qed inġib il-versi kif tkantaw mill-kor Ħamruniż fil-programm li kien ittella' fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-planċier il-ġdid u l-ġublew tal-fidda ta' Mro. Muscat Azzopardi bħala surmast:

| | | |
|---|---|---|
| *Insieħbu l-ferħ ta' qlubna,*<br>*Mal-hena tas-smewwiet,*<br>*U f'ismek ngħollu l-għanja,*<br>*Tal-isbaħ tifkiriet.* | *Għax b'ismek b'għaġeb tagħna,*<br>*Is-sema jżejjen ried,*<br>*Ja kbir li mxejt ma' Kristu,*<br>*Biex tiegħu ssir sajjied.* | *Ifirħu mela magħna,*<br>*Insieħbu mas-smewwiet,*<br>*Biex l-għanja tagħna tasal,*<br>*Fuq kollha ż-żmenijiet.* |

B'rabta mal-versi ta' Dun Frans nixtieq niġbed l-attenzjoni li l-minimi[11] f'battuta sebgħa kellhom jinqasmu f'żewġ pari ta' semiminimi[12] biex fihom joqogħdu kważi żewġ kelmiet: *is-baħ tif-ki-*. L-istess ħaġa ġara fid-disa' waħda fejn l-ewwel minima tinqasam f'żewġ semiminimi biex fihom toqgħod il-kelma *b'is-mek*. Fit-23 battuta wkoll, iż-żewġ minimi jinqasmu f'żewġ pari semiminimi biex fihom joqogħdu l-kelmiet: *koll-ha/ż- żme-ni-*.

Peress li l-ħidma pastorali ta' Dun Frans Camilleri kienet fil-parroċċa Ħamruniża ma setax jonqos li bħala saċerdot ma kienx jaħdem id f'id ma' Dun Ġużepp Cachia u kien jippromwovi isem il-kor li dan tal-aħħar kien waqqaf fl-1949. Għaldaqstant, nemmen li l-versi joqorbu ħafna lejn l-istil letterarju kif imħaddem minnu li fi kliemu stess, 'l-innijiet popolari jridu jkun sempliċi, kemm fit-tifsir tal-ħsibijiet kif ukoll fil-għażla tal-kelma li trid tkun ukoll popolari.'[13] Huwa jżid jgħid, li mingħajr dawn il-kwalitajiet, 'innu diffiċli biex jindaqq u jitkanta għax ma jkun hemmx ir-ruħ, ma jkun hemmx spontaneità.'[14] Inżid ngħid ukoll, li l-anniversarju doppju ma kienx l-uniku okkażjoni li fiha l-kor tal-Ħamrun u l-Banda Luqija ħadmu flimkien. Ngħidu aħna, fil-ktieb ta' Grech, p. 200, insibu mniżżel li dan kien ħa sehem fid-daqq tal-*Kantata lill-Appostlu Sant' Andrija* fil-programm ta' lejlet il-festa mill-Banda Sant' Andrija nhar it-2 ta' Lulju 1961.[15] Data oħra mniżżla, did-darba fid-djarju tal-Kor, hija dik tas-7 ta' Lulju 1963, li fiha l-*Boys* kantaw minn fuq l-orgni il-quddiesa ta' Perosi, Te Deum, u Laudamus dakinhar tal-festa f'Ħal Luqa. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li r-raġuni l-għala Jesmond Grech fil-ktieb tiegħu ma jsemmi xejn dwar sehem il-kor tal-Ħamrun fil-programm tal-festa huwa dovut għall-fatt li, f'dik is-sena, il-Banda Sant' Andrija ma kenitx ħadet sehem minħabba ftehim li ma


Dun Frans Camilleri, l-awtur tal-versi tal-Innu


Partitura tal-Innu bil-versi ta' Dun Frans Camilleri

[11] Figura ta' nota mużikali li tiswa daqs nofs semibreve u li fiha żewġ taħbitiet.
[12] Valur ta' nota li tiswa daqs nofs minima, jew taħbita waħda.
[13] 'Innijiet', Lux Press, Ħamrun (1948).
[14] Idem.
[15] Fid-djarju tal-Kor ukoll hemm imniżżla did-data, imma dakinhar kien kanta f'żewġ programmi differenti f'Ħal Luqa stess, mal-Banda Senglea (Innu) u mal-Banda Unioni. Id-djarju jsemmi wkoll li kien inqala' x'inċident ikrah meta waqa' murtal fil-bitħa tal-Każin fi tmiem il-festa.

kienx intlaħaq fil-ħin. U għad li d-djarju tal-kor ma jwassalx sal-1966, f'p. 206 tal-ktieb ta' Grech insiru nafu xorta waħda li l-kor tal-Ħamrun kien reġa' ħa sehem fil-programm ta' lejlet il-festa titulari li fih indaqqet il-*Kantata lill-Appostlu Sant' Andrija* ta' Mro. Vella. Dakinhar kienu ħadu sehem ukoll is-solisti Hilda Tabone[16] (Sopran), Andrew Sapiano (Tenur), u Piju Zammit (Baxx). Dan ma jfissirx li wara dit-data l-kor ta' Dun Ġużepp ma kienx baqa' jiġi mistieden mill-Banda Luqija għall-festa titulari.

Minn hawn nixtieq nagħtikom l-aħbar sabiħa li qed ngħaddi kopja elettronika tal-partitura tal-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' lis-Soċjetà Luqija bil-għan li dan jerġa' jibda jitkanta kif inhu xieraq fuq il-versi sbieħ u għoljin tal-poeta u fotografu mill-aħjar Dun Frans Camilleri.

**Meta twieled eżatt Miruzzi?**

U la qegħdin fiha, ngħid xi ħaġa wkoll fuq id-data proprja li fiha twieled Mro. Antonio Miruzzi. Skont ċertifikat maħruġ mill-Parroċċa tal-Furjana fit-13 ta' Settembru 2017, Mro. Antonio Miruzzi twieled nhar l-**<u>10 ta' Marzu 1867</u>** u ġie mgħammed dakinhar stess mill-Viċi-Parroku Dun Manwel Borg fin-nuqqas Dun Ġann-Anton Vidal li kien waqaf jamministra s-sagramenti minħabba li beda jħoss it-toqol tal-mard. Infatti, minn nofs Jannar 1867 'il quddiem il-Viċi Borg daħal bħala Vigarju Kurat, bil-piż kollu li dil-kariga ġġib magħha.


ĊERRTIFIKAT TAL-MAGĦMUDUJA
Certificate of Baptism

Estratt mill-oriġinal tar-Reġistru tal-Magħmudija tal-Parroċċa ta' SAN PUBLIJU FLORIANA MALTA

From tha original kept at the Parish of St Publius Floriana Malta

Isem / Name: Antonio, Mario, Carmel, Joseph Saviour, Publius

Iben/bint / Son/daughter of: Joseph Miruzzi

u / and: Michaela nee [illegible]

Imwieled/da / Born at: Floriana Malta

f' / on the: 10th March 1867

u mgħammed/da / and baptised: 10th March 1867

minn / by: Fr. Emanuel Borg

Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa
I certify that the above is true and correct

SAINT PUBLIUS PARISH CHURCH MALTA FLORIANA

Data / Date: 13.09.2017

Arċipriet/Parish Priest

Mro. Miruzzi ngħatawlu l-ismijiet t'Antonio, Mario, Carmel, Joseph, Saviour u Publius. Grazzi għar-riċerka li għoġbu jagħmilli l-Mons. Dun Richard Borg, li sa dak iż-żmien kien għadu Arċipriet tal-Furjana, nstab li Antonio kien it-tieni wild fost erbat aħwa: M(ario) Carmelo Marozzo (8 ta' Ġunju 1865), Carmel Miruzzi (5 ta' Diċembru 1869), u Maria Marozzi (20 ta' Settembru 1871). Ilkoll ġew mgħammdin f'jum twelidhom. U għalkemm M(ario) Carmelo u Maria għandhom kunjomhom ftit differenti milli nafuh aħna, għandhom l-istess ġenituri bħaż-żewġt aħwa l-oħra. Nafu li Antonio kien għadu tfal meta tilef 'il ġenituri tiegħu u kellhom idaħħluh fl-Orfanatrofju tal-Belt. Aktarx li ħutu wkoll messhom l-istess xorti u kellhom jissieħbu f'dad-dejr għall-iltiema, speċjalment is-subien, għax Maria kienet għadha tarbija u diffiċli tgħid min kien ħa l-kustodja tagħha. L-erbat aħwa kellhom ukoll liz-ziju Pawlu (1852–88) min-naħa tal-missier, imwieled il-Belt. Antonio kien tgħallem il-mużika mingħandu peress li dan kien surmast-direttur tal-banda 'La Valette' bejn is-snin 1885-8. Kien miet qasir il-għomor fl-età ta' 36 wara marda twila li ħakmitu. Jista' jkun li min-naħa ta' missierhom kien hemm ukoll ċertu Domenico li qajla nafu xi ħaġa dwaru għajr li kien għal żmien qasir surmast tal-banda 'La Pace' tan-Naxxar lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.

**Dal-artiklu għandu mela jneħħi kull dubju dwar id-data preċiża li fiha twieled Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, mil-lum 'il quddiem, kull min jitħajjar jikteb xi ħaġa fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jniżżel dejjem dad-dati li ġejjin wara ismu: 10.iii.1867–23.x.1944.**

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Luqin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Andrija li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata F'Ħal Luqa u fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College Orchestra A.D. 1998 taħt il-bakketta tiegħi.

---

[16] Tajjeb ngħidu hawnhekk li, kemm is-Sopran Hilda Tabone kif ukoll il-Baxx Piju Zammit studjaw il-vuċi għand Mro. Anton Muscat Azzopardi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)